**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru. 6/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**Vs**

**Jason Buhagiar**

**Illum 3 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' Jason Buhagiar, ta' tnejn u erbgħin (42) sena, iben Emmanuel u Mary Rose neè Muscat, imwieled Tal-Pietà nhar l-10 ta' Novembru 1976, residenti 62, Triq Santa Rita, Birżebbuġia, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 19277(M), talli f'Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar is-6 ta' Jannar 2020 u fil-ġranet ta' qabel:

1. Uża vjolenza, inkluża vjolenza morali u/jew psikoloġika, u/jew sfurzar sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa;
2. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ħaddieħor u cioè lil ommu u missieru Marija Rosa u Emanuel Buhagiar biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew proprjetà ta' axxendenti jew dixxendenti;
3. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuni oħra u cioè lil ommu u missieru Marija Rosa u Emanuel Buhagiar jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak ikun ta' fastidju għal dik il-persuna;
4. Għamel lil ommu u missieru Marija Rosa u Emanuel Buhagiar inġurji u tħeddid ieħor jew jekk kien provokat inġurjahom b'mod li ħareġ 'il barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. Mingħajr skuża raġjonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu b'Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favur Marija Rosa u Emanuel Buhagiar ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 12 tal-proċess u a fol. 28 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni a tenur ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta maħruġ fis-7 ta' Jannar 2020, a fol. 15 tal-proċess;

Semgħet lil Marija Rosa Buhagiar u lil Emanuel Buhagiar entrambe jiddikjaraw li jagħżlu li ma jixduhx fil-konfront ta' l-imputat[1] u semgħet ix-xhieda ta' PS816 Shaun Vassallo[2] u rat id-dokumenti markati Dok. "SV1" sa' Dok. "SV8" esebiti minnu a fol. 29 sa' 62 tal-proċess;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li għall-finijiet tad-Digriet tal-*prima facie* ma għandhiex iktar provi xi tressaq. Semgħet lid-Difiża tiddikjara li fin-nuqqas ta' provi fil-konfront ta' l-imputat, ma hemmx lok li l-istess imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża;

Rat l-atti kollha tal-każ;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-imputat qed jiġi akkużat talli f'Birżebbuġia u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar is-6 ta' Jannar 2020 u fil-ġranet ta' qabel: (1) uża vjolenza, inkluża vjolenza morali u/jew psikoloġika, u/jew sfurzar sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa; (2) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil ħaddieħor u cioè lil ommu u missieru Marija Rosa u Emanuel Buhagiar biża li ser tintuża vjolenza kontrihom jew kontra proprjetà tagħhom jew kontra l-persuna jew proprjetà ta' axxendenti jew dixxendenti; (3) ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil persuni oħra u cioè lil ommu u missieru Marija Rosa u Emanuel Buhagiar jew b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dak ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; (4) għamel lil ommu u missieru Marija Rosa u Emanuel Buhagiar inġurji u tħeddid ieħor jew jekk kien provokat inġurjahom b'mod li ħareġ 'il barra mill-limiti tal-provokazzjoni; u (5) mingħajr skuża raġjonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'Ordni ta' Protezzjoni taħt l-Artikolu 412Ċ.

Permezz ta' dan id-Digriet irid jiġi deċiż jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża u dan a tenur ta' l-Artikolu 401(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeċiedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-*

---

[1] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020, fol. 24 u a fol. 25 tal-proċess.
[2] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020, fol. 26 u 27 tal-proċess.

*qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu.*

Din id-disposizzjoni tal-Liġi ma tirreferix għal provi biżżejjed imma għal raġunijiet biżżejjed u dawn iridu jkunu raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali. L-eżami li trid tagħmel il-Qorti fir-rigward huwa wieħed *prima facie* iżda mhux superfiċjali u b'hekk jekk ikun hemm provi imressqa mill-Prosekuzzjoni li a bażi tagħhom l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat tal-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi oħra li jistgħu jġibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja għandha xorta waħda tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Dan joħroġ mill-fatt li l-Qorti Istruttorja hija kompetenti biex tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat, u cioè li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirriżultaw[3].

Dwar x'inhi prova *prima facie* issir referenza għal dak osservat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Xuereb v. Il-Kummissarju tal-Pulizija**[4], deċiża fit-23 ta' Settembru 2010. Il-Qorti Kriminali osservat illi: *din il-Qorti però jidhrilha illi f'dan il-każ il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilità u tagħmel referenza għall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jgħid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer". Għad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi għall-'committal proceedings' u cioè l-Istruttorja, l-analoġija għandha tapplika għal dan il-każ. Fil-każ ta' kumpilazzjoni, il-Maġistrat ma joqgħodx jidħol fil-meritu tax-xhieda prodotta u jekk iwasslux għall-ħtija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jeżistux raġunijiet (fit-test Ingliż 'grounds') sabiex jibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali għall-konsiderazzjoni ulterjuri tiegħu. Hija importanti illi f'dan il-każ il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) iżda biss tara jekk jeżistux raġunijiet (the grounds) li huma differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda u dawn ir-raġunijiet huma f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli. Naturalment ma nistgħux immorru l-estrem l-ieħor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie għal dak illi huwa possibbli jew suspettuż. Fil-fatt f'R. v. Codan, Qorti Kanadiża, meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant his committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal". Din is-sentenza tidher li qed teżiġi grad ta' prova ftit għola minn dak illi jgħallem il-Blackstone, fejn, skond hu, il-prima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings". Il-Qrati Maltin però donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, ħaġa komuni ħafna fil-kamp kriminali, għal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Maġistrat jidhirlu illi provi miġjuba quddiemu*

[3] Mark Charles Kenneth Stephens v. L-Avukat Ġenerali, Qorti Kostituzzjonali - 14 ta' Frar 2006.
[4] Din kienet sentenza fuq proċedura ta' challenge fejn ġie eżaminat dak rikjest mill-Qorti Istruttorja fl-istadju deskritt fl-Artikolu 401(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u applikatu b'analoġija għall-proċedura tac-challenge.

*jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-każ huwa biżżejjed sabiex il-grad ta' prima facie tiġi milħuq u l-kawża tkun tista' titkompla.*

Fil-każ in eżami l-provi prodotti quddiem il-Qorti essenzjalment jikkonsistu fix-xhieda ta' PS816 Shaun Vassallo[5] illi kien l-uffiċjal inkarigat mill-arrest ta' l-imputat in segwitu għal rapport tal-konjuġi Buhagiar fil-konfront ta' l-imputat fis-6 ta' Jannar 2020. L-imsemmi PS816 Shaun Vassallo ppreżenta r-rapport tas-6 ta' Jannar 2020[6], f'liema rapport però ma kienx involut, kif ukoll rapporti dwar allegati inċidenti oħra li nqalgħu bejn il-konjuġi Buhagiar u l-imputat fis-segwenti ġranet - 21.07.19[7], 23.08.19[8], 07.10.19[9], 12.10.19[10], 22.10.19[11] u 15.11.19[12], 13 ta' Jannar 2020[13].

Minn eżami tar-rapporti kollha esebiti minn PS816 Shaun Vassallo jirriżulta li fir-rigward ta' wħud mill-inċidenti għal liema jirreferu, senjatament l-inċidenti li dwarhom saru rapporti fit-12 ta' Ottubru 2019[14], 22 ta' Ottubru 2019[15] u tal-15 ta' Novembru 2019[16], ġia ttieħdet xi forma ta' azzjoni, inkluż proċeduri kriminali, fil-konfront ta' l-imputat. Mir-rapport tat-23 ta' Awwissu 2019[17] jirriżulta li dan sar anke minn ċertu Terence Carr iżda l-involviment tiegħu kien wieħed personali iktar milli bħala xhud ta' xi inċident jew tilwim bejn l-imputat u l-ġenituri tiegħu u minn eżami ta' l-akkużi odjerni jirriżulta ċar li dawn jirreferu biss għall-inċidenti bejn l-imputat u l-konjuġi Buhagiar u ħadd iżjed. In kwantu rigwarda l-inċidenti l-oħra, inkluż dak tas-6 ta' Jannar 2020, fil-maġġor parti tad-drabi l-allegati vittimi, u b'hekk l-uniċi xhieda ta' dak li seta' ġara, kienu dejjem il-konjugi Buhagiar li però għażlu li ma jixhdux fil-konfront ta' binhom l-imputat u b'hekk ma tawx u ma jridux jagħtu t-testimonjanza tagħhom dwar dak li seta' ġara f'dawn l-okkazzjonijiet[18].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat il-Qorti tqis li a bażi tal-provi prodotti quddiemha ma jidhirx, *prima facie,* l-imputat jista' jinstab ħati ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tiegħu f'dawn il-proċeduri u għaldaqstant ma jirriżultawx raġunijiet biżżejjed biex l-istess imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali.

Għal dawn ir-raġunijiet l-Qorti qed tiddeċiedi li ma hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża u konsegwentement tordna l-liberazzjoni tiegħu mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu.

[5] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020, a fol. 26 u 27 tal-proċess.
[6] Dok. "SV1" a fol. 29 sa' 32 tal-proċess.
[7] Dok. "SV4" a fol. 42 sa' 46 tal-proċess.
[8] Dok. "SV5" a fol. 47 sa' 52 tal-proċess.
[9] Dok. "SV6" a fol. 53 sa' 55 tal-proċess.
[10] Dok. "SV7" a fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[11] Dok. "SV2" a fol. 33 sa' 36 tal-proċess.
[12] Dok. "SV3" a fol. 37 sa' 41 tal-proċess.
[13] Dok. "SV8" a fol. 59 sa' 62 tal-proċess.
[14] Dok. "SV7" a fol. 56 sa' 58 tal-proċess.
[15] Dok. "SV2" a fol. 37 sa' 41 tal-proċess.
[16] Dok. "SV3" a fol. 37 sa' 41 tal-proċess.
[17] Dok. "SV5" a fol. 47 sa' 52 tal-proċess.
[18] Xhieda mogħtija fit-23 ta' Jannar 2020 a fol. 24 u a fol. 25 tal-proċess.

A tenur ta' l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mill-Liġi.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**